GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| | | |
|---|---|---|
| PR230149 | 30.01.2023 | 3 |

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Drachma Parents jippreżentaw il-manifest ta' Ġenituri ta' Persuni Trans lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

Aktar kmieni waranofsinhar, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia rċieva żjara ta' kortesija mis-Sinjura Grech għan-nom tal-assoċjazzjoni Drachma Parents fejn ġie ppreżentat il-Manifest ta' Ġenituri ta' Persuni Trans.

Is-Sinjura Grech infurmat lill-Ispeaker li dan il-manifest inħoloq wara sena ta' diskussjonijiet f'webinars, kif ukoll wara l-parteċipazzjoni tagħhom ma' ġenituri minn diversi pajjiżi fl-Ewropa. Hi tenniet li ż-żgħażagħ trans qed ifittxu għarfien għad-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni u għall-ħarsien tal-affermazzjoni tal-ġeneru.

L-Ispeaker irringrazzja lil Drachma Parents fejn tenna li huma rigal għal uliedhom u għas-soċjetà tagħna hekk kif l-imħabba u r-rispett tagħhom ma tagħrafx limiti u determinati li jagħtu l-aqwa sostenn kemm lill-uliedhom kif ukoll żgħażagħ trans u ukoll lill-ġenituri tagħhom.

L-Ispeaker kkonkluda billi wiegħed li ser ikun qed ipoġġi l-manifest fuq il-Mejda tal-Kamra.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt